MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 142/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Micallef)**

**Vs**

**Carmel Mallia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Gunju, 1998 ghall-habta tal-4.30 p.m. fi Triq il-Wied, B'Kara, saq vettura numru JAL-762 :**
**1) b'manjiera perikoluza;**
**2) traskurata;**
**3) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, naqas li jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq;**
**4) qasam il-linji bojod kontinwi;**

**5) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma mutur nru. FBG-504 w involontarjament ikkagunalu hsarat ghad-dannu ta' Kevin Spiteri;**
**6) u aktar fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Kevin Spiteri skond kif iccertifikaw Dr. Angela Theuma M.D. u Dr. Robert Cuschieri M.D ta' S.L.H.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunju, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2), 18(2) tal-Kap. 65, l-M.V.R. 88 tal-Legal Notice 94/69, 75, l-artikoli 328 u 226 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza izda hati fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt akkuzi w ikkundannatu ghall-hlas ta' mija w tmenin lira Maltin (LM180) multa, kif ukoll issospenditu mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghall-perjodu ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-appellant gie lliberat mill-ewwel akkuza migjuba kontrih, u tirrevoka w thassar il-parti l-ohra tas-sentenza illi sabet lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuzi, tillibera lill-istess appellant minn kull piena w kundanna fil-konfront tieghu fir-rigward ta' dawn l-istess akkuzi.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li mill-fatti li rrizultaw jidher li hemm zewg versjonijiet kwazi identici izda diametrikament opposti . Ix-xhieda ta' Maurizio Spiteri li ma kienx prezenti waqt l-incident tikkonsisti f'dak li allegatament qallu l-appellant Mallia wara l-incident , rakkont li hu michud mill-appellant . Is-sewwieq tal-mini bus li ma kienx xehed fl-inkjesta magisterjali , u xehed biss hames snin wara fuq talba tal-parte civili Spiteri, mhux attendibbli. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma**

**kienx imissha strahet fuq ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni . Inoltre l-Ewwel Qorti jidher li injorat ghal kollox il-provi li johorgu mill-atti tal-inkjesta magisterjali u partikolarment it-tlitt relazzjonijiet tal-esperti li minnhom jidher li l-kollizzjoni grat fuq il-*proper side of the road* tal-appellant, cioe' fil-parti tal-karreggjata li tiehu ghal Birkirkara. Dawn imorru kontra l-allegazzjoni tal-motociklista Kevin Spiteri li l-appellant kien qed jissorpassa charabanc fil-hin tal-habta. Inoltre, s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma kienetx motivata minn dawn il-provi skjetti w oggettivi li kellha f' idejha.**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid ;**

**Trattat l-appell;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li saret go Valley Road, Birkirkara, hdejn is-showroom ta' Satariano, bejn il-vettura Van JAL 762 misjuq mill-appellant, li kien isuq mid-direzzjoni tal-Imsida lejn Birkirkara w l-mutur numru FBG 504 misjuq minn Kevin Spiteri li kien gej mid-direzzjoni opposta. Wara l-habta z-zewg vetturi nstabu fuq il-lat estrem xellugi tat-triq int u sejjer lejn Birkirkara w cioe' fuq in-naha tal-"proper side of the road" tal-appellant . Id-debris kollu assocjat mall-kollizzjoni kien instab minn-nofs it-triq il-gewwa fuq l-istess naha tal-karreggjata. Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ma nstabx hati ta' sewqan perikoluz izda hati ta' sewqan traskurat, li ma zammx max-xellug tat-triq, li qasam il-linji kontinwi bojod u tal-hsarat u feriti kagjonati fuq il-mutur u fuq il-persuna ta' Kevin Spiteri.**

**L-appellant mhux qed jikkontesta n-natura gravi tal-feriti riportati minn Kevin Spiteri fl-incident, izda r-responsabbilta' ghall-istess incident..**

**Illi skond** PS 589 Anthony Deguara**, l-appellant kien qallu li kien sejjer lejn Birkirkara fuq in-naha tieghu tat-triq u habat mall-mutur misjuq minn Spiteri li kien gej mid-direzzjoni opposta . It-tifrik kien kollu fuq dik in-naha u hemm ukoll spiccaw iz-zewg vetturi . Invece Spiteri kien qallu li hu kien fuq is-side tieghu w ra lill-appellant jaqla vettura ohra u habtu.**

**Din il-versjoni** Kevin Spiteri **tenniha ukoll quddiem din il-Qorti u xehed li hu kien sejjer minn Birkirkara ghall-Msida . Ra karozza tal-linja wieqfa man-naha l-ohra tat-triq u kif wasal maghha hareg il-van abjad misjuq mill-appellant u habtu . Zied jghid li hu kien isuq lejn nofs it-triq u kellu l-headlamp mixghul . Meta harget il-van , din kienet vicin tieghu. Ma jiftakarx li kien isuq wara haddiehor .**

**L-Avukatessa Dottoressa Yana Micallef Stafrace , li kienet il-perit nominata mill-Magistrat Inkwirenti waqt l-inkjesta , meta kkonfermat ir-relazzjoni taghha , xehdet li fil-post tal-incident kien hemm "*faded white line*" fuq il-"*crown of the road*", skond ma kien jidher min-notamenti taghha. Hi qalet li bbazat il-konkluzzjonijiet taghha fuq l-allegazzjoni tal-motociklista li hu kien fuq in-naha tieghu tat-triq u l-fatt li l-appellant kien ghazel li ma jixhidx fl-inkjesta, kif ukoll fuq kif kienu l-farretti mall-art u n-naqra debris li kien hemm u l-fatt li fil-vettura tal-appellant il-hsarat kienu fuq il-gemb tax-xellug taghha. Allura hi kkonkludiet li l-van fil-mument tal-impatt "*had to be across the white line"* . Fir-relazzjoni taghha l-Perit ikkonkludiet (Fol. 47) li prova sinifikanti f' dan il-kaz hija d-daqqa fil-van JAL 762 fuq il-"front left" u l-marki li minn nofs it-triq waslu sal-vicinanzi tal-mutur FBG 504 u li dan juri bic-car li l-van JAL 762 kienet "wrong side" fil-mument tal-impatt billi l-mutur dahal fil-front left tal-van.**

Maurizio Spiteri**, hu l-motociklista u li ma kienx prezenti waqt l-incident, xehed illi hu kien mar fuq il-post wara l-incident u wara ftit tal-hin wasal hemm l-appellant li**

**kellu l-“*butterfly stitches*” u meta hu staqsa lill-appellant x’ kien gara, dan wiegbu “*Mort naqbez tal-linja u sibtu ma wicci.”* Il-mutur ta’ huh kien mall-bankina, hdejn arblu xi ghaxar piedi ‘l quddiem mill-car tal-appellant.**

Luciano Ciantar**, li ma kienx xehed waqt l-inkjesta , xehed li hu kien isuq Minibus sejjer fid-direzzjoni ta’ l-Imsida u f’certu hin kellu l-mutur quddiemu. Ra van hiereg min wara tal-linja w dan habat mal-mutur. Il-vettura li kien ra kienet fuq il-linja tan-nofs pero’ ma setax jghid il-mutur kienx qabez il-linja tan-nofs ghax ghalih il-mutur kien fuq is-“side” tieghu. Il-van kien qabez il-linja tan-nofs bi kwart tal-wisa’ tieghu pero’ ma jafx fuq liema naha kien intlaqghat dan il-van. Hu ma kienx waqaf fil-hin ta’ l-incident u baqa’ sejjer. Mistoqsi allura kif gie biex ittella’ xhud f’din il-kawza, huwa qal illi darba inzerta kien qed jiehu d-diesel fil-pompa qrib fejn gara l-incident – ghalkemm mhux normali li s-soltu jiehu d-diesel minn hemm – u inzerta beda jitkellem dwar l-incident ma’ tal-pompa w inzerta ukoll li dak il-hin kien hemm xi hadd li x’aktarx jigi hu tal-mutur u semghu.**

L-appellant **xehed quddiem l-Ewwel Qorti w x-xhieda tieghu hija l-unika wahda li tinsab traskritta fil-process (fols 82 sa 101). Hu kien xehed li kien gej lura mill-bahar f’ Ta’ Xbiex u sejjer lura lejn Birkirkara bil-mod il-mod fuq in-naha tieghu tat-triq . Tal-mutur, li kien wahdu, qala minn wara charabanc ghal fuqu bl-ezatt u hu ma kellux cans u tajjru daqxejn bl ma ghamillu hsara w hu stess baqa’ diehel fil-hajt tan-naha tieghu w tfarrak . Lil tal-mutur haduh l-isptar izda ma jafx korriex. Hu ukoll mar l-isptar. Hu dejjem fuq is-side tieghu kien u l-mutur kien gie fuq is-side tieghu. Ic-charabanc kienet qed tinstaq fid-direzzjoni tal-Imsida mal-*“line*” ezatt , Hu cahad li kien tkellem ma Kevin Spiteri w qal li lanqas biss jafu .**
**Ma Maurizio Spiteri kien tkellem fuq il-post izda dan kull ma kien qallu kien li l-motociklista kien huh u ma kienetx xi konversazzjoni shiha. Hu kien wiegbu li huh kien gie “wrong side” u kellhom accident.**

**In kontroezami l-appellant kien xehed li ma kienx jaf li Spiteri kien fil-perikolu tal-mewt. Qal li tal-mutur kien gie fuqu bhal sajjetta w gie fuq is-side tieghu w hu *"on a second*" (Sic!) dawwar l-steering u baqa' diehel fil-hajt . Hu kien rah ezatt mall-habta. Hemm it-triq dritta. Hu ma setax jara lill-mutur minn wara c-charabanc. Hu kien qed isuq kwazi mal-line tan-nofs, ghax hekk ihobb isuq u ghandu dritt . Ma kellux karozzi jew xi charabanc fuq in-naha tieghu . Cahad li hu kien qala xi charabanc u li kien hemm charabanc fuq il-*bus stop* fuq in-naha tieghu kif gie suggerit lilu. Ic-charabanc li qala Spiteri ma ntlaqtitx fl-incident. Il-mutur kien spicca xi tlieta jew erba karozzi 'l boghod u mhux kif jidher fil-pjanta.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree*". (App.Krim.** Pul. vs. Charles Bartolo **14.3.59** ; Pul. vs. Wilson, **Vol. XXXIX p. 1018** u Pul. vs. Alfred Vella, **Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham **, 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia **XXXIX p. 1018.) "*Recklessness*" giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye* ".(App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina **, 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim.** Pul. vs. Antonio Spiteri **, Vol. XLIV , p.892)**

**Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti" **(Kollez. Vol. XXXVII , iv. p.1217) "*ghandu jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tal-habta ."* u *"Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm* **nexus** *fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni."***

**(Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef" **[3.12.1960]) .** ***"Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed biex jistabilixxu l-htija tal-kollizzjoni."*** **(Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. V. Pavia" **(Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.744) .** ***"Il-fatt li driver ikun isuq fuq il-"crown of the road" kontra r-regolamenti ma hux deciziv ghas-soluzzjoni ta' kwistjoni dwar liema driver huwa htija tal-kollizzjoni li tigri."*** **(Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Anthony Galea " **Kollez. Vol. XXXVII , iv. p.1137)**

**Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. P. Vassallo **(Vol. XXXVIII , iv p.883) ,**

***"Il-"contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-****KAWZA UNIKA* ***(emfasi ta' din il-Qorti) tas-sinistru."***

**F'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor , amenoche' dak li jigri ma jkunx dovut** UNIKAMENT **u** ESKLUZIVAMENT **ghal htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor . (Ara. App. Krim.** Pul. vs. Gaetano Schembri **(16.3.61) ;** Pul. vs. John Polidano **(3.11.63);** Pul. vs, Rev. C. Mifsud**." (Vol. XXXVII , iv. p.1131) u ohrajn.) .**

**Illi r-Regolament 75 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur jiddisponi li :-**

***"Kull min ikun qed isuq vettura bil-mutur ghandu jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq .." u***
***"Meta jkun…. ser jaqbez xi vettura ohra …., kull driver ghandu jezercita l-kura u attenzjoni xierqa…"***

**Umbaghad il-Malta Highway Code fil-paragrafu 48 jirrakkomanda hekk :-**

*"KEEP WELL TO THE LEFT , except when you intend to overtake or turn right. Do not keep in the middle of the road…"*

**u fil-paragrafu 62 jghid :-**

**"*Never overtake unless you KNOW that you can do so without danger to yourself or others…" u "IF IN DOUBT – HOLD BACK."* (Para . 65)**

**L-"overtaking" gie trattat "in extenso" fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Spiro Zammit**" [14.2.1962]. Din il-Qorti kien hemm osservat li ma hemmx dubju li l-manuvra tas-sorpass hi delikata u tali li tixhed fuq id-driver tal-vettura li jkun qed jissorpassa obbligi aktar gravi . Dan ma jfissirx pero' , li s-sorpass hu projbit imma biss li ghandu jsir bil-prudenza mehtiega . Il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lil** CHARLESWORTH **("The Law of Negligence" p.78):- "*The driver or rider of an overtaking vehicle , before attempting to overtake, should see that it is safe to do so …"* u lill** GIBB **(The Trial of Motor Car Accident Cases" ) :- "*He should wait for a suitable opportunity before attempting the passage and he should not attempt to pass unless he can do so with reasonable safety."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi mhux kontestat li iz-zewg vetturi kienu jinsaqu lejn nofs it-triq li f' dik il-parti hija maqsuma f' zewg karreggjati opposti b'linja bajda kontinwa (sia pure "faded") kif jidher mir-ritratti esebiti , ghalkemm dan ma giex indikat fil-pjanta esebita mill-perit nominat mill-Qorti . Illi pero' kull wiehed miz-zewg sewwieqa nvoluti jallega li kien is-sewwieq l-iehor li mar fuq in-naha l-hazina tat-triq ghax kien qed jissorpassa bus tal-linja. Hu ovvju li jekk dan kellu jirrizulta fil-kaz ta' xi wiehed mid-drivers, dan ikun jirrendih responsabbli ghall-incident ghax tkun din il-manuvra li tkun il-kawza prossima w determinanti tal-incident. Ghalhekk il-kwistjoni tar-responsabbilta' timpernja ruha fuq il-kwistjoni ta' fatt dwar min miz-zewg drivers verament ghamel din il-manuvra. Fi kliem iehor din hi kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt.**

**Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94];** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi" **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn.**

**F' dan il-kaz , mill-pjanta tal-perit Richard Aquilina u mir-ritratti jidher li l-habta grat bi dritt "*gap*" li tissepara Valley Road – il-karreggjata principali – mis-*service road* li hemm man-naha opposta tat-triq ta' fejn spiccaw il-vetturi. Issa huwa car skond il-pjanta (fol. 20) li jekk wiehed jiehu il-wisgha kollha tal-karreggjata minn-taf sa tarf bla ma wiehed jikkalkola biss il-prolungazzjoni tal-karreggjata principali 'l barra mill-istrip bis-sigar li tifridha mis-service road, it-tracci kollha u debris tal-incident ikunu kollha u *"squarely*" fuq in-naha tat-triq tal-appellant . Jekk invece wiehed jimxi fuq il-wisgha tal-karreggjata 'l barra mill-linja immaginarja fil-"*gap" fid-"dividing strip"* u n-naha ta' fejn spiccaw il-vetturi jigi li l-wisgha tat-triq hemm ikun irid jitqies li hu ferm idjaq u jgib biss madwar 11.5 metru . Anki b' din il-wisgha immaginarja tat-triq ridotta sostanzjalment , skond il-**

**pjanta *"to scale*" tal-Perit Aquilina, t-tracci kollha li instabu fl-art hlief wahda , jigu kollha fuq in-naha tat-triq tal-appellant. Hekk l-zbrizzi fondi (2) u (3) u l-brix (4) u (8) li nstabu fil-karreggjata , il-"bolt" tal-mutur fl-art (6) u t-tajn niexef (7) instabu kollha il gewwa sew mil-linja medjana immaginarja fuq il-"proper side" tal-appellant . L-unika jaga li kienet il barra minn dil-linja medjana immaginarja kienet il-bicca *amber* tal-*indicator* (5) .**

**Illi mhux eskluz li din il-bicca zghira ta' amber setghet taret u giet fejn giet wara l-impatt u zgur li wahedha ma tistax twassal biex wiehed jikkonkludi "*safely"* li l-habta kienet grat lill-hinn minn-nofs it-triq tal-appellant , meta it-tracci l-ohra kollha qeghdin "*on his proper side"* . Umbaghad il-fatt li l-van intlaqtet fuq ix-xellug taghha mhux univoku bhala prova indizjarja ghax dan jista' jkun dovut ghall-fatt li l-mutur kien gej sew oltre nofs it-triq u habat mall-van fuq dik in-naha taghha, anki jekk din kienet qed tinsaq minn-nofs it-triq il-gewwa kif xehed l-appellant.**

**Ghalhekk f' dan il-kaz, apparti l-konflitt serju fil-provi fuq traccat , il-fatti w il-provi indizjarji aktar jikkonfortaw it-tezi tal-appellant minn dik tal-motociklista w x-xhieda fuq imsemmija . Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta *"dawk il-fatti…. jcedu quddiemhom ix-xhiediet okulari bhala fehmiet soggettivi ta' nies li kienu dizattenti jew li ghamlu apprezzament zbaljat."* (App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Temi Zammit" **[13.1.1962].**

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. George Vigo"** [Vol. XXXVII . iv. p.1015] "*Meta…jkun difficli , jekk mhux impossibbli, li jigi accertat min minnhom (*i.e. miz-zewg drivers*) kien il-kawza prossima tal-kollizjoni , il-Qorti ma tistax tinklina lejn banda jew lejn ohra w titfa' r-responsabbilta' fuq driver jew iehor."*

Illi wara li ghamlet l-apprezzament approfondit tal-provi traskritti u ta' dawk li regghu ngiebu quddiem din il-Qorti, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi hemm dubju dettat mir-

raguni dwar il-htija o meno tal-appellant li ghandu jmur favur tieghu w li ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tigi konfermata il-htija riskontrata fis-sentenza appellata, ghaliex l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, Il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi, fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu , tirrevokaha fil-kumplament taghha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet , ir-raba , l-hames u s-sitt imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghal mija w tmenin lira (LM180) multa w ssosspendietu mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghall-periodu ta' tlitt (3) xhur, u , minnflok, tilliberah minnhom u minn kull imputazzjoni, piena w sospensjoni tal-licenzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------